

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.4760 — Amadeus/Sabre/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 190/06)

1. Fis-7 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Amadeus IT Group, S.A. ("Amadeus", ta' Spanja) u Sabre Inc. ("Sabre", ta' l-Istati Uniti) jakkwistaw, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża Moneydirect (li għandha tkun imwaqqfa fl-Irlanda) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija mwaqqfa għdida li tikkostitwixxi negozju bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriża kkonċernati huma:

- għall-Amadeus: Id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' servizzi ta' l-ivvjaġġar permezz ta' Sistema Globali ta' Distribuzzjoni ("GDS"), servizzi ta' IT lill-industrija tat-trasport bl-ajru;
- għal Sabre: id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' servizzi ta' l-ivvjaġġar permezz ta' GDS, aġenzija ta' l-ivvjaġġar fuq l-internet, servizzi ta' ġestjoni, prodotti ta' *software* u servizzi ta' konsultazzjoni lill-industrija tat-trasport bl-ajru;
- Għal Moneydirect: il-forniment ta' servizzi ta' ipproċessar ta' pagamenti u ta' *clearing* għall-industrija ta' l-ivvjaġġar.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-konċentrazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hi riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skond il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi interessati sabiex iressqu lha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-oferazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks Nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4760 — Amadeus/Sabre/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.